MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 1176/1997/1

Anthony Cassar
vs
Dipartiment tax-Xogholijiet u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament circa 1992 sofra ingustizzja billi gie trasferit b'mod vendikattiv;

Illi l-fatti tal-kaz kienu dawn:-

Illi hu dahal mal-Gvern fl-1966 u fl-1983 gie mahtur mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bhala Segretarju tal-PAPB; liema kariga giet konfermata ghal 9 snin u kienet tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern;

Illi hu gie konfermat sal-1992 meta gie infurmat mis-Sur Charles Portelli li kien segretarju permanenti li kien se jigi

trasferit; meta staqsa ghaliex qallu *ghaliex m'intix qed tiehu hsieb in-nies tieghi*; wara li spjega l-pozizzjoni tieghu l-istess Portelli qallu jibqa' fejn hu izda xi jiem wara s-segretarju privat tal-Ministru Falzon cempel lill-istess Portelli quddiem ir-rikorrent u qallu li se jigi trasferit. Minhabba f'dan sofra finanzjarjament u anke psikologikament ghaliex tilef l-allowance u telf ta' zieda fis-salarju; (illum dan il-post hu assenjat mal-Planning Authority).

Illi hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku li jindika wkoll il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata d-differenza fil-paga li tilef u ghadu jitlef u inkella jigi akkordat kumpens li ma jeccedix is-somma ta' Lm 5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li eccepiet:

Illi r-rikorrent qed jallega li saret ingustizzja fil-konfront tieghu u dan billi skond l-istess rikorrent sofra ingustizzja billi skond hu gie trasferit b'mod vendikattiv;

Illi preliminarjament ghal kull bon fini gie rilevat li skond l-Att numru I tal-1992 l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u li kienu in vigore meta spiccat il-PAPB u bdiet tiffunzjona l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar, u ghaldaqstant ghandha tigi deciza li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kkommettiet l-ebda ingustizzja.

Illi f'dan ir-rigward saret referenza ghad-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Sammut vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar moghtija fit-12 ta' Dicembru 1996 fejn gie deciz li lmenti kostituzzjonali ma jintlaqghux meta dawn

ikunu saru fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar minhabba l-agir tal-PAPB. F'dan il-kaz il-Qorti rriteniet bl-aktar mod car li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB.

Illi gie sottomess li skond il-fatti kif deskritti fir-rikors odjern ma jirrizultax li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qatt kellha x'taqsam ma' xi allegat trasferiment 'vendikattiv' tar-rikorrent Anthony Cassar. Mill-fatti kif esposti mir-rikorrent jidher li r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-PAPB ghal xi snin u li fl-1992 imbaghad kien gie trasferit. L-uniku riferenza ghall-intimata l-Awtorita ta' l-Ippjanar fir-rikors tas-Sur Anthony Cassar hi biss fejn ir-rikorrent jassumi li l-post li kien jokkupa hu mal-PAPB kien gie "...assenjat mal-Planning Authority".
Illi fir-rigward ta' l-assunzjoni tar-rikorrent li l-post li kien jokkupa hu mal-PAPB gie sussegwentement assenjat mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, gie sottomess li kariga bhal dik li kien jokkupa r-rikorrent ma tezistix ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjnar. Wiehed ghandu japprezza li l-Awtorita ta' l-Ippjanar li twieldet fl-1992 bis-sahha ta' l-Att Numru I tal-1992, giet fis-sehh lejn l-ahhar tal-1992.

Illi ghal kull bon fini bla pregudizzju ghas-suespost gie sottomess li l-karigi kemm ta' Segretarju tal-Bord ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll ta' Segretarju tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, ilkoll gew assenjati wara sejha pubbliku biex timtela l-kariga relattiva.

Illi ma jirrizultax li r-rikorrent qatt gie trasferit ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jew li qatt hadem ma' l-Awtorita` u ghalhekk gie sottomess li l-Awtorita` qatt ma kellha l-ebda konnessjoni fir-rigward ta' xi allegat transfer tar-rikorrent.

Illi gie sottomess li a bazi tal-fatti kif s'issa esposti l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kellha bl-ebda mod x'taqsam mal-fatti allegati mir-rikorrent fil-perjodu msemmi mill-istess rikorrent u li ghalhekk l-istess Awtorita` ma kkommettiet l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent.

Ghaldaqstant l-awtorita` intimata talbet li dan it-Tribunal ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar peress li l-istess ma ghamlet l-ebda ingustizzja u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' li l-ilment mhux gustifikat u li wkoll l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar ma ghandha bl-ebda mod tigi ordnata li tikkumpensa lir-rikorrent ghall-allegata ingustizzja li qal li sofra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-awtorita` intimata.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent gie impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mis-7 ta' Lulju 1966 bhala Clerical Officer. Hu lahaq il-grad ta' Higher Clerical Officer fl-1 ta' April 1971. Fl-1 ta' Frar 1974 ir-rikorrent gie promoss ghal grad ta' Ufficjal Ezekuttiv. Fl-1 t' Ottubru 1981 hu lahaq il-grad ta' Assistent Amministrattiv u fis-6 ta' Mejju 1989 gie promoss ghal grad ta' Ufficjal Amministrattiv. Permezz tar-Riforma li sehhet fis-settur Pubbliku fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Ufficjal Principali fi Skala 9.

Illi t-trasferiment msemmi ma kienx oppressiv, ma kkagunawx sofferenza indebita lir-rikorrent u ma kienx il-frott ta' agir oppressiv izda kien gustifikati mill-principju tal-mobilita` ta' l-impjegati fis-settur pubbliku.

Illi r-rikorrent gie trasferit b'effett mis-7 ta' Dicembru 1992.

Illi r-rikorrent kien jithallas is-somma ta' Lm3.75 ghal kull Bord li kien jattendi izda ma kienx jibbenefika minn allowances ohra.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li fl-1983 kien appuntat Segretarju tal-Planning Area Permits Board u baqa’ f’din il-kariga sal-1992. Qal li f’Settembru 1992 kien baghat ghalih Charles Portelli l-Permanent Secretary tal-Public Works li nfurmah li kellu transfer. Semma li meta staqsa r-raguni ghal dan qallu li ghax ma kienx qed jiehu hsieb in-nies. Hu qal li dan ma kienx minnu, hu kien jiehu hsieb in-nies u jzommu staff meetings biex jigi diskuss l-andament ta’ l-ufficju. Zied li fil-hin liberu tieghu u minghajr hlas kien ipprepara “Manual of Secreterial Staff Duties and Office Procedures”. Semma li mar ikellem ukoll lill-Perit Godwin Cassar li ma tahx iktar informazzjoni. Spjega li iktar tard kien cempillu Godwin Cassar u tah ordni sabiex it-Tnejn ta’ wara jirraporta f’Dipartiment iehor. Spjega li hu beda jhossu hazin u kellu jmur ghand psikjatra u hareg bis-sick leave. Kompla ighid li wara li gie forsi rikonoxxut li gie mnehhi ghal xejn, xi hadd kien irrangalu trasferiment ghad-distrett f’Hal-Lija u qal li meta kien jahdem fid-distrett kien imfittex minn ufficjali gholjin fic-civil biex jahdem maghhom. Zied ighid li kellem lill-Perit Vicne Cassar dwar it-trasferiment u dan stqarr mieghu li huh Godwin kien qallu li kienu nehhewh ghal xejn. Qal ukoll li meta sar l-ezami ta’ Senior Principal Officer, hu ma setax jaghmlu minhabba l-harsa psikologika li saritlu u b’rizultat ta’ dan tilef anki c-cans li jsir Assistant Direttur. Semma wkoll li meta twaqqfet l-Planning Authority l-staff tal-PAPB mar ma’ l-istess Awtorita` u hu baqa’ barra kollu tort tat-trasferiment ingust li nghata.

Sostna li s-Sur Portelli m’ghamilx l-investigazzjonijiet mehtiega qabel ma segwa d-direttiva biex jaghtih it-trasferiment. Qal li hu cert kieku s-Sur Portelli gabar u qara d-direttivi li kien jaghti lill-impjegati kieku ra l-hin tieghu kemm kien ikun okkupat ma kienx jaghtih transfer daqshekk malajr. Sostna wkoll li kemm dam Segretarju

tal-PAPB dejjem mexa l-istess man-nies u kull meta ra xi nuqqasijiet tkellem ma min kien in charge fis-sezzjoni u kontra xi nies qal li anke ttiehdu l-passi dixxiplinarji. Spjega li wara sick leave twil, wara li nghata t-trasferiment ghal distrett tad-Dipartiment fejn kien mibghut fi store jaghmel xoghol ferm baxx ghall-grad li kellu u ghalhekk kien sofra minn dipressjoni qawwija. Fl-ahhar nett qal li wara hames snin ta' umiljazzjoni nghata mill-gdid il-kariga ta' Segretarju li ghadu jokkupa sal-lum.

Xehed Carmel Portelli li bejn Lulju 1992 sa Frar 1995 kien Permanent Secretary fil-Ministeru ghall-Ambjent. Qal li r-rikorrent kien Segretarju tal-PAPB u qal li kien hemm xi allegazzjonijiet li fl-ufficju tar-rikorrent ma kienx hemm dixxiplina. Semma li r-rapport kien gie mill-Ministeru u giet talba biex is-Sur Cassar jigi trasferit. Qal li hu stess kien ghamel verifiki fuq id-dixxiplina u kien sab li xi nies meta ssaqsi ghalihom ma jkunux hemm u ma kinux ighidulek fejn qeghdin u qal li dan l-ufficju tas-segretarjat kien immexxi mir-rikorrent. Zied ighid li wara li kellem ir-rikorrent baghtu lura biex jispicca xi pendenzi u mbaghad kienu fakkruh mill-Ministeru li ghadu ma ccaqlaqx u ta l-ordni lill-Perit Godwin Cassar halli jiehu hsieb it-trasferiment tar-rikorrent. Qal li wara li r-rikorrent kien hareg bis-sick kien ipprova jcempillu u anke kitiblu. Zied ighid li kien informa lir-rikorrent bit-trasferiment izda qallu jmur f'postu u jinfurmah aktar 'il quddiem. Qal ukoll li r-rikorrent ma riedx jintbaghat Beltissebh u ghalhekk kien kellem lis-Sur Meilaq biex ir-rikorrent ma jintbaghatx Beltissebh imma minflok Hal-Lija. Zied ighid li r-rikorrent ma tilifx ic-cans li jidhol mal-Awtorita` tal-Ippjanar, minhabba fih peress li l-Awtorita` ma kenitx marbuta tiehu nies mill-PAPB biss. Qal li ghas-sejha ghall-applikazzjoni ghal Assistants Director li lmenta r-rikorrent hu kien eligibbli u kull min kien eligibbli seta' japplika. Qal ukoll fir-rigward ta' Charles Scerri li kien ha post is-Sur Cassar qal li dan kien gie mill-Ministeru izda li meta kien hemm rapport serju bizzejjed fuqu kien ghamel dan fil-konfront tas-Sur Scerri ukoll. Fir-rigward tar-rikorrent qal li ma kellux rapporti fuqu darba kellu rapport li ma kellux kontroll shih fuq l-impjegati.

Gie prezentat affidavit ta’ Vincent Mallia fejn qal li gie sekondat ‘on loan’ ghal mal-Public Works Department Beltissebh mill-Malta Drydocks. Qal li hu kien gie allokat mas-Sur Cassar li kien iqabbdu jipprocessa files u jaghmel doveri ohra ta’ attendenza waqt bord li kien jkunu ta’ spiss. Qal li kien mehtieg ukoll li darbtejn fil-gimgha jiddiskuti mal-periti. Qal li s-Sur Cassar kien okkupat il-hin kollu tal-jum bix-xoghol tieghu u kien jiddelega certa xoghol lill-ufficjali l-ohra fis-sezzjoni.

Xehed Manuel Cortis li mill-1979 sal-1983 kien il-PAPB u qal li hemmhekk lir-rikorrent jiftakru efficjenti hafna fuq xoghlu. Qal li x-xoghol kien isir regolari u l-staff kien jikkordina mieghu u qal li kullhadd kien jaghmel xoghol assenjat lilu. Qal ukoll li ma jirrizulta xejn negattiv fil-file fil-konfront tar-rikorrent, l-ebda indikazzjoni ta’ nuqqas, lanqas ta’ warning. Zied ighid li ma jirrizulta minn imkien fil-file kif ir-rikorrent spicca minn segretarju tal-PAPB. Zied ighid li mill-14 ta’ Settembru sas-6 ta’ Dicembru 1992 ir-rikorrent ha 84 gurnata konsekuttiva sick leave. Qal li dam posted Hal-Lija mill-1992 sal-1997. Semma li mill-file jidher li r-rikorrent gie trasferit id-distrett ta’ Hal-Lija izda m’ hemm xejn dwar l-istruzzjonijiet tat-trasferiment tar-rikorrent. Ipprezenta kopji tac-certifikati medici tar-rikorrent a fol 113.

Xehed il-Perit Godwin Cassar li kien Assistent Direttur fid-Dipartiment tax-Xogholijiet li qal li jaf li meta r-rikorrent kien Segretarju tal-PAPB gie trasferit kien hareg bis-sick leave izda ma jafx fejn effettivament kif kien gie trasferit ir-rikorrent. Qal li ma kienx hu li talab li jigi trasferit is-Sur Cassar. Qal ukoll li ma dehrlux li qatt kellu rapporti negattivi fir-rigward tax-xoghol tar-rikorrent. Semma li l-persuna li ssostitwiet lir-rikorrent kien dam ghal xi zmien ma jidholx xoghol minhabba s-sick leave, kien kellem lill-Perit Vince Cassar (Direttur Generali) biex jippruvaw jaghmlu xi haga biex jerga’ jidhol lura ghax-xoghol.

Xehed il-Perit Vince Cassar li qal jiftakar lir-rikorrent bhala segretarju tal-PAPB. Qal li qatt ma kien hemm rapporti negattivi fil-konfront tar-rikorrent. Qal li la talab u lanqas gie konsultat fit-trasferiment tar-rikorrent. Semma li meta

r-rikorrent kien hareg bis-sick leave kellem lir-rikorrent dwar vakanza li kien hemm fid-dipartiment tax-xhud biex jerga' jmur lura. Izda qal li r-rikorrent kien qallu li diga kien dahal lura ghax-xoghol. Qal li hu kien rega' kellmu fuq din il-vakanza li kienet pozizzjoni gholja izda r-rikorrent kien irrifjuta ghax donnu ma riedx jerga' jmur Beltissebh.

Gie prezentat affidavit ta' Charles Meilaq fejn intqal li kien ikollu okkazzjonijiet fix-xoghol tieghu jitla' Beltissebh fejn spiss kien jiltaqa' mar-rikorrent. F'okkazzjoni minnhom sar jaf li r-rikorrent kien inghata trasferiment ghal Dipartiment iehor tal-Gvern u kien hareg bis-sick leave. Peress li dak iz-zmien kien inkarigat mid-distrett ta' Hal-Lija qal li kien kellmu u ghamel talba lill-Ministeru biex jigi trasferit f' Hal-Lija u r-rikorrent kien accetta. Spjega li hu ghamel dan kollu ghax dehrlu fis-sitwazzjoni mentali u fizika li kien jinsab fiha r-rikorrent kellu bzonn ta' ghajnuna biex jirbah li kien ghaddej minnu. Meta gie nfurmat li t-talba kienet intlaqghet kien informa lir-rikorrent li kien gie ufficjalment trasferit f'Hal-Lija. Qal li sal-1995 ir-rikorrent kien ghadu mieghu f'Hal-Lija. Qal li meta r-rikorrent mar Hal-Lija kien zmien ta' tranzizzjoni meta marru l-MSU u kien jikkordina x-xoghol hu.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ra li fid-29 ta' Marzu, 2001 it Tribunal ta sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar li skond l-Att numru I tal-1992 l-Awtorita` ta' l-Ippjanar mhix is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u li kienu in vigore meta spiccat il-PAPB u bdiet tiffunzjona l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar, u ghaldaqstant ghandha tigi deciza li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kkommettiet l-ebda ingustizzja. It-Tribunal kien ikkonkluda li "Irrizulta li r-rikorrent qatt ma kien impjegat tal-Awtorita' jew li applika ma' l-Awtorita' ghal xi kariga. Jidher car mill-istess rikors li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qatt ma kellha x'taqsam ma' xi att vendikattiv konsistenti fi trasferiment tar-rikorrent. Ir-rikorrent qieghed isostni li xorta wahda l-Awtorita' ghandha tibqa' fil-kawza minhabba li jekk ir-rikorrent jipprova l-ingustizzja dak li jordna t-Tribunal ikun jista' jigi ezegwit. Fi kliem iehor ir-rikorrent qieghed isostni li f'dak il-kaz ikun jinkombi fuq l-Awtorita' li

thaddmu maghha fil-kariga adegwata. Izda dan certament ma jistax isir ghax jekk wiehed ihares lejn it-talba tar-rikorrent fir-rikors jinghad “***li jinghata rimedju billi jinghata d-differenza fil-paga li tilef u ghadu jitlef u inkella jigi akkordat kumpens li ma jeccedix is-somma ta' Lm 5,000.”*** Ghalhekk certament dak li issa qieghed jippretendi ir-rikorrent huwa certament bla bazi ghax anke jekk it-Tribunal isib l-ilment gustifikat, xorta wahda r-rimedju ma jistax ikun li hu jinghata impieg ma’ l-Awtorita’.

Ghal dawn il-motivi, peress illi dak li r-rikorrent allegatament sofra ma kienx rizultat tal-agir tal-Awtorita` tal-Ippjanar, u lanqas ma jista’ ebda rimedju jikkoinvolgi lill-istess Awtorita’, it-Tribunal jilqa’ l-ecezzjoni preliminari tal-Awtorita` tal-Ippjanar u jehles lill-Awtorita` mill-harsien tal-gudizzju.”

Dwat it-transfer li nghata r-rikorrent ghandu jinghad li kien Charles Portelli fuq ordnijiet tal-Ministeru li ordna li r-rikorrent jigi trasferit. Jidher li Portelli kien ta bhala raguni lir-rikorrent il-fatt li ma kienx qieghed jiehu hsieb sewwa tan-nies ta’ tahtu. Din hija l-unika raguni li nghata in sostenn tat-trasferiment tar-rikorrent. Jidher ukoll li l-ordni kienet inghatat mill-Ministeru u Portelli xehed li hu kien ghamel verifiki u kien sab li kien hemm xi nies fis-sezzjoni tar-rikorrent li ma kienux qeghdin ikunu f’ posthom waqt il-hin tax-xoghol.

Issa matul il-kors tal-kawza rrizulta wkoll li r-rikorrent kien kapaci u habrieki kif ukoll bniedem ta’ fiducja. Kemm il-Perit Godwin Cassar kif ukoll il-Perit Vince Cassar it-tnejn fahhru xoghol ir-rikorrent u hadd minnhom ma ta xi raguni ghala r-rikorrent kellu jigi trasferit. Anzi l-Perit Vincent Cassar kien riedu lura biex jaghmillu xi xoghol iehor. Mela l-unika raguni li tista’ tinstab hija dik li semma x-xhud Charles Portelli.

Dan it-Tribunal pero` jhossu konvint li r-raguni tat-trasferiment kienet l-ordni mill-Ministeru. Fil-kawza fl-ismijiet “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju

tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih.  Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli.  Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk.  Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Illi ghalhekk isib l-ilment tar-rikorrent dwar trasferimenti gustifikat.  Dwar l-allegat telf ta' promozzjoni dan it-Tribunal ma jsibx li saru provi sufficjenti biex a tenur tal-Kap 394 jasal li jsib li giet pruvata ingustizzja.  Infatti t-Tribunal ma giex moghti dettalji dwar kwalifiki u seniority tar-rikorrent komparati ma' ta' dawk li fil-fatt hadu l-hatra li xtaq ir-rikorrent.  Certament li t-transfer tellef lir-rikorrent dwar dak li hija promozzjoni izda dan ma jistax iwassal biex it-Tribunal jordna li r-rikorrent jinghata promozzjoni izda biss li jrid jitqies taht il-kumpens dovut lilu dwar trasferimenti.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar trasferiment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna  rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet hlief dawk relattivi ghall-Awtorita` tal-Ippjanar li jibqghu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------